



IL-PROCĊEDURI INTERGOVERNATTIVI TAT-TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET

Fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni kif ukoll f'diversi oqsma oħra, bħall-kooperazzjoni msaħħa, ċerti ħatriet u r-reviżjoni tat-Trattati, il-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet hija differenti minn dik imħaddma fil-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Il-karatteristika dominanti f'dawn l-oqsma hija komponent aktar qawwi ta' kooperazzjoni intergovernattiva. L-isfida tal-kriżi tad-dejn pubbliku wasslet biex dawn il-mekkaniżmi tat-teħid ta' deċiżjonijiet jintużaw aktar, partikolarment fil-qafas tal-governanza ekonomika Ewropea.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 20, 21-46, 48 u 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE); L-Artikoli 2(4), 31, 64(3), 81, 89, 103(1), 113, 115, 118, 127, 153, 191(3), 192, 194(2), 215, 218, 220, 221, 312, 329 u 333 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

DESKRIZZJONI

A. Proċedura għall-emendar tat-Trattati (Artikolu 48 tat-TUE)

- Proposta: kwalunkwe Stat Membru, il-Parlament jew il-Kummissjoni;
- Ir-rwol tal-Kummissjoni: konsultazzjoni u parteċipazzjoni fil-konferenza intergovernattiva;
- Ir-rwol tal-Parlament: konsultazzjoni qabel titlaqqa' l-konferenza intergovernattiva (il-konferenzi stess jinvolve lill-Parlament fuq bażi *ad hoc*, iżda b'influenza dejjem tikber: għal xi żmien kien irrappreżentat jew mill-President tiegħu jew minn żewġ Membri tiegħu; fl-aktar konferenza intergovernattiva reċenti huwa pprovdha tliet rappreżentanti);
- Ir-rwol tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew: konsultazzjoni f'każ ta' bidliet istituzzjonali fil-qasam monetarju;
- Deċiżjoni: qbil komuni bejn il-gvernijiet dwar emendi għat-Trattati, li mbagħad jiġu ppreżentati lill-Istati Membri għar-ratifika f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tagħhom; qabel dan, jeħtieġ deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew, meħhuda b'maġġoranza sempliċi u wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament, jekk titlaqqax Konvenzjoni jew le.



B. Proċedura għall-attivazzjoni tal-klawsoli "passerelle"

- Il-Kunsill Ewropew: jattiva u jiddeċiedi, b'mod unanimu, dwar l-użu tal-klawsola "passerelle" ġenerali (Artikolu 48 tat-TUE) u l-"passerelle" speċifika għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (Artikolu 312 tat-TFUE). Kwalunkwe parlament nazzjonali għandu dritt għal veto fil-każ tal-klawsola ġenerali.
- Il-Kunsill: jista' jiddeċiedi li jattiva klawsoli "passerelle" oħrajn, b'mod unanimu jew b'maġġoranza kwalifikata, skont id-dispożizzjoni rilevanti tat-Trattati (Artikolu 31 tat-TUE, Artikoli 81, 153, 192 u 333 tat-TFUE).

C. Proċedura ta' adeżjoni (Artikolu 49 tat-TUE)

- Applikazzjonijiet: minn kwalunkwe Stat Ewropew li jikkonforma mal-prinċipji tal-Unjoni (Artikolu 2 tat-TUE); notifika tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew; il-Kunsill Ewropew jilħaq qbil dwar il-kundizzjonijiet ta' eliġibiltà;
- Ir-rwol tal-Kummissjoni: konsultazzjoni; ikollha sehem attiv fit-tnejn u fit-twettiq tan-negożjati;
- Ir-rwol tal-Parlament: approvazzjoni, permezz ta' maġġoranza assoluta tal-Membri tiegħu;
- Deċiżjoni: mill-Kunsill, b'mod unanimu; il-ftehim bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Istat applikanti, li jstabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni u l-aġġustamenti meħtieġa, jiġi ppreżentat lill-Istati Membri kollha għar-ratifika f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tagħhom.

D. Proċedura ta' ħruġ (Artikolu 50 tat-TUE)

- Talba: l-Istat Membru kkonċernat jinnotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tiegħu stess;
- Konklużjoni: tiegħu l-għamla ta' ftehim ta' ħruġ konkluż mill-Kunsill wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament, u b'deċiżjoni ta' maġġoranza kwalifikata speċjali (Artikolu 238(3)(b) tat-TFUE); din hija definita bħala 72 % tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri parteċipanti (jiġifieri għajr l-Istat ikkonċernat), li flimkien jinkludu tal-anqas 65 % tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati Membri.

E. Proċedura ta' sanzjonijiet f'każ ta' ksur serju u persistenti tal-prinċipji tal-Unjoni minn Stat Membru (Artikolu 7 tat-TUE)

1. Proċedura prinċipali

- Proposta għal deċiżjoni li tiddetermina l-eżistenza ta' ksur serju u persistenti: terz tal-Istati Membri, jew il-Kummissjoni;
- L-approvazzjoni tal-Parlament: adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħin, li tirrappreżenta maġġoranza tal-Membri tiegħu (Artikolu 83(3) tar-Regoli ta' Proċedura);
- Deċiżjoni li tiddetermina li sar ksur: adottata mill-Kunsill Ewropew, li jiddeċiedi b'mod unanimu, mingħajr il-parteeċipazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, wara li l-Istat inkwistjoni jkun ġie mistieden jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar is-suġġett;



— Deċiżjoni biex jiġu sospiżi ċerti drittijiet tal-Istat Membru kkonċernat: adottata mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata (mingħajr il-parteċipazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat).

2. It-Trattat ta' Nizza ssupplimenta din il-proċedura b'sistema ta' prekawzjoni

— Proposta motivata għal deċiżjoni li tiddetermina riskju ċar ta' ksur serju tal-prinċipji tal-Unjoni minn Stat Membru: fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew jew ta' terz tal-Istati Membri;

— L-approvazzjoni tal-Parlament: adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħin, li tirrappreżenta maġġoranza tal-Membri tiegħu;

— Deċiżjoni: adottata mill-Kunsill b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri tiegħu, wara li jkun sema' lill-Istat Membru inkwistjoni. Il-Kunsill jista' jindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru qabel jieħu tali deċiżjoni.

F. Proċedura ta' kooperazzjoni msañħa

1. Regoli ġenerali (Artikolu 20 tat-TUE, Artikolu 329(1) tat-TFUE)

— Proposta: dritt esklużiv tal-Kummissjoni; l-Istati Membri li jkollhom il-ħsieb li jistabbilixxu kooperazzjoni msañħa jistgħu jagħmlu talba lill-Kummissjoni għal dan il-għan;

— Ir-rwol tal-Parlament: approvazzjoni;

— Deċiżjoni: mill-Kunsill, li jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.

2. Kooperazzjoni fil-qasam tal-PESK (Artikolu 329(2) tat-TFUE)

— Applikazzjoni lill-Kunsill mill-Istati Membri kkonċernati;

— Proposta mressqa quddiem ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ), li jagħti opinjoni;

— Informazzjoni tal-Parlament;

— Il-Kunsill jaġixxi bl-unanimità.

Teżisti proċedura simili għat-tnedija ta' kooperazzjoni strutturata fil-politika tad-difiża, introdotta bit-Trattat ta' Lisbona (5.1.2).

G. Proċedura għal deċiżjonijiet fil-qasam tal-affarijiet barranin

It-Trattat ta' Lisbona abolixxa l-istruttura magħmula minn tliet pilastru li kienet tinsab fit-trattati ta' qabel, iżda żamm il-politika barranija separata mill-politiki l-oħra tal-UE. L-oġġettivi u d-dispożizzjonijiet tal-PESK huma inklużi fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Illum huma mfissra aħjar u huma aktar koerenti milli kienu fit-trattati ta' qabel.

Bidla istituzzjonali kbira hija l-ħolqien tal-uffiċċju tar-RGħ, li huwa assistit minn Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ġdid u li jista' jipproponi inizjattivi fil-PESK. Il-PESK ġiet integrata fil-qafas tal-Unjoni, iżda ssegwi regoli u proċeduri speċifiċi (Artikolu 24(2) tat-TUE).

— Proposta: kwalunkwe Stat Membru, ir-RGħ jew il-Kummissjoni (Artikolu 22 tat-TUE);



- Ir-rwol tal-Parlament: il-Parlament jiġi infurmat b'mod regolari mill-Presidenza u kkonsultat dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi. Skont il-ftehim interistituzzjonali dwar l-iffinanzjar tal-PESK, dan il-proċess ta' konsultazzjoni jsir kull sena, abbażi ta' dokument tal-Kunsill;
- Deċiżjoni: il-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill, li jiddeċiedu b'mod unanimu. Il-Kunsill Ewropew jiddefinixxi l-prijoritajiet u l-interessi strateġiċi tal-UE; il-Kunsill jieħu deċiżjonijiet jew azzjonijiet. Ir-RGħ u l-Istati Membri jagħtu effett lil dawn id-deċiżjonijiet, permezz tal-użu ta' riżorsi nazzjonali jew tal-Unjoni. Il-President tal-Kunsill Ewropew jista' jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew jekk żviluppi internazzjonali jirrikjedu dan.

H. Miżuri leġiżlattivi oħrajn ([2.6.8](#))

It-teħid tad-deċiżjonijiet intergovernattivi huwa miżmum ukoll f'għadd ta' oqsma speċifiċi u politikament sensitivi tal-politika tal-UE, b'mod partikolari:

- Ġustizzja u affarijiet interni: miżuri dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, il-kooperazzjoni ġudizzjarja (Artikolu 89 tat-TFUE);
- Is-suq intern: restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-kapital (Artikolu 64(3) tat-TFUE), il-politika tal-kompetizzjoni (Artikolu 103(1) tat-TFUE), il-miżuri tal-armonizzazzjoni tat-taxxa (Artikolu 113 tat-TFUE), l-approssimazzjoni tal-liġijiet li jaffettwaw l-istabbiliment tas-suq intern (Artikolu 115 tat-TFUE), id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (Artikolu 118 tat-TFUE);
- Il-politika monetarja: il-konferiment ta' kompiti ta' superviżjoni prudenzjali speċifiċi fuq il-BĊE (Artikolu 127 tat-TFUE);
- Oqsma oħra ta' politika bħal politiki soċjali u l-impjiegi (Artikolu 153 tat-TFUE), l-enerġija (Artikolu 194(2) tat-TFUE) jew l-ambjent (Artikolu 191(3) tat-TFUE).

I. Immaniġġjar tal-kriżi finanzjarja ([2.6.8](#))

Id-diffikultajiet finanzjarji serji li laqtu lil xi Stati Membri fl-2010 qajmu l-bżonn li tingħatalhom għajjnuna b'modi differenti. Xi komponenti tal-pakkett ta' għajjnuna, pereżempju l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja, huma mmaniġġjati mill-Unjoni. Il-parti l-kbira, partikolarment il-kontribuzzjonijiet lill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF), iħallsuha direttament l-Istati Membri. L-EFSF hija "vettura bi skop speċjali" maħluqa bi ftehim intergovernattiv fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro. Għaldaqstant, id-deċiżjonijiet meħtieġa għal tali miżuri intergovernattivi kellhom jittieħdu fil-livell tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Grupp tal-Euro, inkluża r-ratifika fl-Istati Membri skont ir-rekwiżiti kostituzzjonali nazzjonali tagħhom. Żewġ raġunijiet importanti għal dan l-iżvilupp huma l-klawsola li tipprojbixxi s-salvataġġ finanzjarju ("no bail-out clause") (Artikolu 125 tat-TFUE) u r-reżistenza ta' xi qrati kostituzzjonali nazzjonali għal trasferiment ulterjuri ta' poteri finanzjarji u baġitarji lill-Unjoni Ewropea.

Emenda għall-Artikolu 136 tat-TFUE (koordinazzjoni tal-politika ekonomika) ġiet adottata mill-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Marzu 2011, skont il-proċedura ta' reviżjoni simplifikata ta' trattat, mingħajr ma ssejñet Konvenzjoni (id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2011/199/UE). Din daħlet fis-seħħ f'April 2013, u b'hekk ippermettiet li



jidbew joperaw mekkaniżmi permanenti għall-prevenzjoni tal-kriżijiet bħall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES). Dan tal-aħħar inħoloq permezz ta' trattat intergovernattiv bejn il-membri taż-żona tal-euro, li daħal fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2012. L-arranġamenti ta' votazzjoni tal-bord eżekuttiv tiegħu jinkludu "proċedura ta' emerġenza", li tirrikjedi maġġoranza kwalifikata ta' 85 % kemm-il darba l-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew jikkonkludu li jkun hemm bżonn deċiżjoni urġenti dwar assistenza finzanzjarja. Fl-aħħar nett, Trattat internazzjonali dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja tfassal mill-gvernijiet tal-Istati Membri u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013, wara li tnax-il parti kontraenti li l-munita tagħhom hija l-euro ddepożitaw l-istrument ta' ratifika tagħhom.

J. Fatriet

- Il-Kunsill Ewropew, li jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata, jaħtar il-President, il-Viċi President u erba' membri oħra tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill u wara li jkun ikkonsulta l-Parlament (Artikolu 283(2) tat-TFUE);
- Il-Kunsill Ewropew, li jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata u bi ftehim mal-President tal-Kummissjoni, jaħtar ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (Artikolu 18(1) tat-TUE); fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi President tal-Kummissjoni, ir-RGħ huwa madankollu soġġett għal approvazzjoni min-naħa tal-Parlament dwar il-Kummissjoni kollha kemm hi;
- Bi qbil komuni, il-Gvernijiet tal-Istati Membri jaħtru l-imħallfin u l-avukati ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali (dik li qabel kienet il-Qorti tal-Prim'Istanza) (Artikolu 19(2) tat-TUE);
- Il-Kunsill jaħtar il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri permezz ta' maġġoranza kwalifikata, fuq ir-rakkomandazzjoni ta' kull Stat Membru u wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew (Artikolu 286(2) tat-TFUE).

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Fil-perjodu ta' tnejn għall-Konferenza Intergovernattiva tal-1996, il-Parlament kien diġà talab li t-tieni u t-tielet pilastru jinġiebu fl-isfera Komunitarja, sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet applikabbli skont it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea japplikaw għalihom ukoll.

Wara l-isforzi kontinwi tal-Parlament waqt il-Konvenzjoni Ewropea biex dawk li qabel kienu t-tieni u t-tielet pilastru jsiru parti mill-istruttura tal-Unjoni (1.1.4), it-Trattat ta' Lisbona estenda t-teħid ta' deċiżjonijiet sopranazzjonali għal oqsma li qabel kienu t-tielet pilastru (il-ġustizzja u l-affarijiet interni) u introduċa qafas istituzzjonali koerenti għall-politika estera u tas-sigurtà, b'innovazzjonijiet importanti bħall-President fit-tul tal-Kunsill Ewropew u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

F'kuntest fejn il-governanza ekonomika u fiskali qed issir dejjem iżjed intergovernattiva, il-Parlament ta' sehmu biex jiżgura l-involviment xieraq tal-istituzzjonijiet tal-UE fin-negozjati dwar it-trattat internazzjonali msemmi aktar 'il fuq fil-punt I.



F'Frar 2019, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat rigward il-kooperazzjoni msaħħa^[1], li fiha ħareġ rakkomandazzjonijiet għall-evoluzzjoni futura tal-kooperazzjoni msaħħa. B'mod partikolari, il-Parlament qies neċessarju t-tfassil ta' proċedura għall-awtorizzazzjoni rapida tal-kooperazzjoni msaħħa fl-oqsma ta' interess politiku kbir, li għandha titwettaq f'perjodu ta' żmien iqsar mit-tul ta' żewġ presidenzi konsekuttivi tal-Kunsill. Stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tipproponi regolament biex jissimplifika u jgħaqqad il-qafas legali rilevanti għal kooperazzjoni msaħħa.

Eeva Pavy
01/2020

[1] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2019 dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat rigward il-kooperazzjoni msaħħa (Texts adopted, P8_TA(2019)0077).

